**277. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI B'ĊENS TEMPORANJU TA' SIT U BINI FIL-MARSA, LILL-MEDIGRAIN LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jagħti b'ċens temporanju lill-Medigrain Limited is-sit u bini fil-Marsa deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit u bini fil-Marsa jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija Kumpannija, Medigrain Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

**18.07.1980**